MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 197/2005

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2005 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien iżżewweġ mal-konvenuta nhar is-27 ta' Lulju, 1990 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan, u miż-żwieġ tagħhom kien hemm tlett itfal li huma D ta' tnax-il sena, E ta' għaxar snin, u F ta' tmien snin.

Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minħabba krudelta', eċċessi u sevizzi *da parti* tal-konvenuta kommessi kontra l-attur.

Illi minħabba f'hekk l-attur ġie kostrett jitlaq mid-dar konjugali u jmur jgħix għal rasu.

Illi l-attur kien applika għall-ħatra ta' medjatur permezz ta' ittra numru __/____, u quddiem il-medjatur appuntat sar qbil bejn il-partijiet illi l-kura tat-tfal minuri tagħhom tkun konġunta, filwaqt li l-kustodja attwali tkun għand il-konvenuta. Huma wkoll qablu li l-aċċess ta' l-attur lejn uliedu jkun skond it-termini elenkati fid-dokument 'A'.

Illi proviżorjament l-attur qed jgħaddi alimenti ta' tliet mitt Lira (Lm300) kull xahar lit-tfal tiegħu, f'idejn il-konvenuta. Iżda huwa jirritjeni li dan l-ammont huwa eċċessiv tenut kont tal-qagħda finanzjarja tal-partijiet kif deskritta fid-dokument 'B'.

Illi l-konvenuta għandha xogħol u potenzjal li taħdem u għalhekk għandha tikkontribwixxi għall-manteniment ta' binha minuri.

Illi l-partijiet ma setgħux jaqblu fuq il-qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti skond il-proposta li saret mill-attur kif riportata fid-dokument 'C'.

Illi in forza ta' digriet numru ___/____ mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta' Mejju, 2005 l-attur ġie awtorizzat sabiex jipproċedi għas-separazzjoni personali kontra l-konvenuta.

Tgħid il-konvenuta għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti billi talloka t-tort għall-istess lill-konvenuta minħabba krudelta', eċċessi u sevizzji minnha kommessi *di fronte* l-attur.

2. Tafda l-kura ta' uliedhom minuri f'idejn il-partijiet konġuntivament, u l-kustjodja tagħhom lill-konvenuta.

3. Tikkonferma u tirratifika l-ftehim milħuq bejn il-partijiet dwar l-aċċess ta' l-attur lejn uliedu.

4. Tiddikjara li l-konvenuta hi obbligata tikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' uliedha u għalhekk tiffissa retta alimentarja raġonevoli fuq iż-żewġ partijiet sabiex dawn jieħdu ħsieb il-manteniment u uliedhom, u tistabbilixxi l-modalita' ta' kif kull wieħed mill-artijiet għandu jivversa l-alimenti hekk likwidati u tagħti ordnijiet kif dan għandu jiġi rivedut minn żmien għal żmien.

5. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kollha komminati mill-Artiklu 48 tal-Kapitlu 16.

6. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tordna l-attwali qasma ta' tali komunjoni ugwalment bejn il-partijiet, wara li tieħu konjizzjoni ta' kull kreditu parafernali ta' l-attur kontra l-istess komunjoni, prevja li tistabbilixxi l-kwoti tal-partijiet u tordna l-assenjazzjoni ta' l-istess kwoti bejniethom.

7. Tawtorizza lil min mill-partijiet li jieħdu lura fil-pussess individwali ta' kull wieħed minnhom dak kollu li huwa parafernali għal kull parti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-22 ta' Lulju, 2005, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi l-eċċipjenti topponi għall-ewwel talba ta' l-attur għal dak li jirrigwarda l-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fis-sens li l-ħtija għas-separazzjoni hija <u>unikament</u> ta' l-attur *stante* illi ż-żwieġ ta'

bejn il-kontendenti tkisser minħabba l-aġir u l-komportament egoistiku tiegħu;

2. Illi m'huwiex minnu li l-konvenuta kienet ħatja ta' krudelta`, sevizzi u eċċessi kommessi kontra l-attur, iżda kien **hu** li kien ħati ta' l-istess, kif ukoll talli dejjem poġġa x-xogħol u l-attivitajiet politiċi tiegħu qabel l-esiġenzi tal-familja;

3. Illi kien l-attur li xtaq li jipproċedi għas-separazzjoni personali, u mhux il-konvenuta li dejjem kellha t-tama li r-relazzjoni ta' bejniethom setgħet titranġa. Fil-fatt fl-istess ġurnata li l-konvenuta wriet ix-xewqa li l-partijiet jinvestu fir-relazzjoni tagħhom, l-attur minflok prova jibni r-relazzjoni mill-ġdid beda jorqod fuq is-sufan;

4. Illi l-attur ħassu kostrett jitlaq mid-dar konjugali għas-sempliċi raġuni li martu, l-konvenuta, kienet kontinwament titolbu sabiex jiddedika aktar ħin magħha u mat-tliet ulied tagħhom. Il-preżenza ta' l-attur ġewwa d-dar matrimonjali kienet minima tant li hi l-konvenuta li tieħu ħsieb kollox, *cioe'* t-trobbija tat-tlett itfal kif ukoll dak kollu nvolut fit-tmexxija tad-dar;

5. Illi l-konvenuta taqbel mat-tieni u mat-tielet talba ta' l-attur;

6. Illi għalkemm fil-laqgħat ta' medjazzjoni l-attur qal li kien lest iħallas manteniment ta' tliet mija u għoxrin Lira Maltin (Lm320) fix-xahar hekk kif jidher f'dokument M1 hawn esebit, l-attur dejjem naqas milli jgħaddi dan l-ammont u fil-fatt huwa dejjem issomministra manteniment ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300). F'dawn il-laqgħat ta' medjazzjoni, l-eċċipjenta kienet talbet tliet mija u ħamsin Lira Maltin (Lm350) bħala manteniment;

7. Illi m'huwiex minnu li dan l-ammont huwa eċċessiv peress li kif stipula l-attur stess f'dokument 'B' annessa fiċ-ċitazzjoni tiegħu, huwa jaqla' seba' mija u tnejn u ħamsin Lira Maltin (Lm752) *net* fix-xahar. Dan ifisser illi b'manteniment ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300) huwa jifdallu erba' mija u tnejn u ħamsin Lira Maltin

(Lm452) fix-xahar, liema ammont huwa aktar minn suffiċjenti sabiex tgħix persuna waħedha. B’manteniment ta’ tliet mitt Lira Maltin (Lm320) (*sic*) il-konvenuta trid tgħajjex tlett itfal;

8. Illi l-konvenuta tista’ taħdem biss xogħol *part-time*. Dan peress li meta t-tfal jispiċċaw mill-iskola fis-siegħa u nofs ta’ wara nofsinhar, hija m’għandhiex għażla ħlief li tkun id-dar sabiex tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha li tlett itfal jirrikjedu. Dawn il-bżonnijiet jinkludu tisjir ta’ ikel, għajnuna bil-*homework*, kif ukoll li tieħu ħsieb twassalhom għall-attivitajiet *extra*-kurrikulari kollha tagħhom;

9. Illi sal-ġurnata tal-lum il-partijiet qatt ma ddiskutew kif ser tinqasam il-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti, u l-konvenuta ma taqbilx mal-proposta ta’ qsim ta’ l-attur esebita fiċ-ċitazzjoni bħala dokument ‘C’;

10. Illi l-konvenuta ma taqbilx mar-raba’ talba ta’ l-attur *stante* li l-ammont ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar għal kull wild ma jkoprix il-bżonnijiet kollha nvoluti. Fil-fatt, hekk kif jidher f’dokument M2, hawn anness, il-konvenuta toħroġ ċirka wieħed u sebgħin Lira Maltin (Lm71) fix-xahar għal kull wild *oltre* l-manteniment li jissomministra l-attur;

11. Illi l-ħames talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni għandha wkoll tiġi miċħuda *stante* li m’għandhomx jiġu applikati kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet previsti fl-artiklu msemmi. Dan l-artiklu, iżda, għandu jiġi applikat kontra l-attur stess peress li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba tortijiet imputabbli lilu;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet, fosthom ta’ l-istess partijiet.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' April, 2006 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Phylis Farrugia bħala perit legali u r-rapport ta' l-istess perit legali debitament maħluf.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar, ukoll debitament maħluf.

Semgħet lill-minuri *in camera*.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi kif *gia'* ingħad l-attur qed jitlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Minkejja li l-kawża kienet kontestata ħafna, għallinqas kien hemm ċertu sens ta' resonsabbilta' *da parti* tal-partijiet fejn jirrigiwarda t-tfal u ma kienx hemm wisq kuntrast dwar dan. Fil-fatt it-tfal, li issa huma kollha adolexxenti, tħallew mill-partijiet jgħixu ma' min jixtiequ u llum tnejn joqgħodu ma' l-omm u waħda mal-missier. Dwar dan pero' l-Qorti jkollha opportunita' tikkummenta iktar 'il quddiem. Għalhekk apparti t-tort ta' min farrak iż-żwieġ, il-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-manteniment li l-attur għandu jħallas għat-tfal. Il-Qorti għalhekk ser tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom.

<u>TORT</u>

L-attur fl-affidavits tiegħu jwaħħal f'martu li kienet dejjem tgerger u taqla' xenati minħabba l-ħinijet twal tax-xogħol tiegħu. Kieku l-attur kellu xogħol li *per se* jirrikjedi ħinijiet twal u kieku dan kien dejjem ix-xogħol tiegħu wieħed jagħtih raġun għaliex il-familja għandha bżonn sostenn finanzjarju. Madankollu meta wieħed jaqra l-affidavits ta' l-attur jifhem mill-ewwel li l-problema prinċipali kien huwa stess. L-affidavits huma prinċipalment biografija personali tal-*karriera politika* ta' l-attur u wieħed bil-kemm ma jibdiex jaħseb li l-attur kien xi protagonist prinċipali fil-ħajja

politika tal-pajjiż f’dawn l-aħħar għoxrin sena. Dan m’huwiex jingħad bi kritika għad-dedikazzjoni kbira li għandu lejn il-kandidat u membru parlamentari favorit tiegħu jew għall-partit politiku li jappoġġja, iżda kritika għall-fatt li l-attur ikkonċentra l-enerġiji kollha tiegħu għal din l-attivita’ (li eventwalment spiċċat biex kienet l-impjieg tiegħu) u traskura għal kollox il-bżonnijiet emozzjonali ta’ martu li kienet tkun waħedha tiffaċċja l-problemi ta’ omm ta’ tlett itfal dak iż-żmien żgħar ħafna. L-attur donnu ma qiesx dan, meħud kif kien bl-attivita’ politika tiegħu. Huwa minnu li kif ingħad huwa sar assistent personali ta’ dan id-deputat meta sar Ministru u dam f’din il-kariga għal ħafna snin (sa Marzu 2008) u allura din kienet is-sors ta’ għixien tiegħu, iżda wieħed ma jlumx lill-konvenuta li xebgħet b’ din il-ħajja u beda jinqala’ disgwid bejn il-partijiet li spiċċa farrak iż-żwieġ. L-attur kellu impjieg tajjeb f’perjodu ieħor qasir li l-kandidat favorit tiegħu ma kienx Ministru u fil-fatt il-konvenuta talbitu biex ma jerġax imur jaħdem miegħu iżda hu nsista li jerġa’ jmur. Huwa minnu li f’dak il-perjodu li serva bħala assistent personali tal-Ministru huwa kien qed igawdi min-numru konsiderevoli ta’ *allowances* li minnhom naturalment kienet qed tgawdi l-familja (l-konvenuta mkien ma lmentat li kien iħallihom neqsin) iżda bl-għerf ta’ min jaf x’ġara (bl-Ingliż – *with the benefit of hindsight*) kien ikun ferm aħjar kieku baqa’ jaqla’ inqas u ż-żwieġ forsi ma kienx jitkisser kif tkisser.

Hija ferm important l-ittra esebita *a fol.* 59 fejn il-konvenuta bagħtet tgħid lill-Ministru konċernat li kien iddispaċiha ħafna u skużat ruħha miegħu li *saret toboghdu* (lill-istess Ministru) minħabba li bdiet tħoss li għal żewġha kien sar importanti iktar minnha. Għandu jingħad ukoll li l-partijiet kienu ltaqgħu f’attivitajiet politiċi meta kienu żagħżagħ billi t-tnejn kienu dak iż-żmien attivi f’dan il-qasam.

Lill-konvenuta wieħed jista’ biss jibbjasimaha li ma żammitx il-kalma u rreaġixxiet b’mod qawwi għal dan kollu, iżda wieħed faċli jgħid dan distakkat mill-ambjent li kienet qed tgħix fih. Dan qed jingħad għaliex jidher li s-sitwazzjoni ddeterjorat fejn il-partijiet anke ġew fl-idejn (b’mod pjuttost leġġer għal min imdorri jisma’ u jiddeċiedi

dawn it-tip ta' kawżi, iżda xorta ċensurrabbli) u probabbilment il-partijiet dak il-ħin qalu lilhom infushom "*ara f'hiex ġejna*", għaliex ċertament ma jidhrux li huma t-tip ta' nies li jikkomportaw ruħhom hekk f'sitwazzjonijiet normali.

Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali f'dan l-aspett billi tikkondividi l-konklużjoni tal-perit legali illi "*l-għażla ta' l-attur li jiddedika ruħu b'mod sħiħ għall-bżonnijiet tal-politku msemmi u l-inabbilta' tal-konvenuta li bil-kalma tikkonvinċi lil żewġha jiġbdu ħabel wieħed daħħlithom f''sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno inopportabile l'abitazione e la vita comune.*" (<u>Caterina Agius vs Benedict Agius</u> – Prim'Awla - 13 ta' Ġunju, 1967). It-tort prinċipali għas-separazzjoni għalhekk huwa ta' l-attur b'tort inqas għall-attriċi. Billi ma saritx kontro-talba t-tort ta' l-attur m'huwiex fundament għall-akkoljiment tat-talba għall-pronunzjament tas-separazzjoni iżda naturalment il-Qorti tieħdu in konsiderazzjoni fir-rigward tat-talba għall-applikazzjoni ta' l-Artiklu 48 tal-Kodiċi Ċivili li l-Qorti ser tiċħad.

<u>KURA U KUSTODJA TAL-MINURI</u>

Fil-mori tal-kawża kien hemm bdil fil-kura tat-tfal billi E marret tgħix ma' missierha fuq talba tagħha stess filwaqt li t-tfal l-oħrajn baqgħu jgħixu ma' ommhom. Fil-verbal *a fol.* 340 sar ftehim fir-rigward ta' l-aċċess ta' E. Għalkemm E sussegwentement kellha diverbju ma' ommha u kienet qed tgħid li ma tridx tkellimha, dan hu inċident passiġġier u fis-sustanza l-partijiet jikkollaboraw fejn jidħlu t-tfal u għalhekk il-Qorti ser tħalli l-kustodja tagħhom konġunta filwaqt li l-kura tibqa' kif inhija bħalissa, kif għandu jibqa' l-istess l-aċċess tal-partijiet.

<u>QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI</u>

Punt kontenzjuż ħafna f'dawn il-proċeduri kien minħabba l-fatt li d-dar matrimonjali numru 6, Triq is-Sirk, Swieqi kienet parafernali fis-sens li l-konvenuta akkwistat id-dirett

dominju tagħha (sas-sena 2130) qabel iż-żwieġ permezz ta' l-att ippubblikat min-Nutar Maurice Gambin fl-1987. Imbagħad il-konvenuta akkwistat ukoll id-dirett dominju fit-12 ta' Frar, 1992 u allura wara z-żwieġ tagħha ma' l-attur. L-attur isostni li allura d-dirett dominju jaqa' fil-komunjoni ta' l-akkwisti filwaqt li l-konvenuta sostniet li ladarba d-dritt li takkwista d-dirett dominju akkwistatu qabel iz-żwieġ, dan ma huwiex il-każ. Il-Qorti taqbel mat-teżi ta' l-attur għaliex l-akkwist sar wara ż-żwieġ u kwindi l-attur għandu raġuni jgħid li d-dirett dominju jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet. Kif sewwa rrimarkat il-perit legali f'dan l-aspett, il-konvenuta ma ressqet ebda prova li d-dirett dominju nxtara minn flejjes parafernali tagħha. Il-Qorti għalhekk hatret espert tekniku l-AIC Cassar li vvaluta d-dirett dominju għall-perjodu li baqa' sa l-2130 għas-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u tlieta u sebgħin Euro (€16,873), *ossia* sebat elef, mitejn u tlieta u erbgħin Lira Maltin u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm7,243.58). Għandu jingħad mill-ewwel li peress illi l-provi saru fi flus Maltin, il-Qorti ser timxi bl-istess munita biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha li mbagħad iddawwar f'Euro fil-parti disposittiva tas-sentenza.

Rigward il-konsistenza ta' l-assi fi flus ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li dawn jikkonsistu fi tliet kontijiet bankarji (HSBC) li *statements* tagħhom ġew esebiti *a fol.* 225 *et sequitur*, tnejn minnhom f'isem il-konvenuta b'bilanċ ta' elfejn u erba' mitt Lira Maltin (Lm2,400) u tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) rispettivament (għalkemm il-konvenuta xehdet illi wieħed minnhom huwa f'isem it-tfal, dan ma jirriżultax mid-dokumenti) u ieħor f'isem il-minuri D li l-partijiet jaqblu li jibqa' hekk (*fol.* 380), kif ukoll Bonds tal-Gvern tal-valur nominali ta' ħames mitt Lira Maltin (Lm500) (li bħalissa fis-suq jiswa' ħames mija u ħamsa u erbgħin Lira Maltin (Lm545) skond ir-rapporti tal-valuri tal-borża. L-attur fid-dokument esebit mad-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu ddikjara li kellu kont bankarju mal-Bank of Valletta għall-valur ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300). Jirrizulta li jeżisti *joint account* mal-bank HSBC (numru _______________) li ma hemmx indikazzjoni kemm fih bilanċ. Hemm ukoll *joint retirement plan* u polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja tal-partijiet u kuntratt ta' *time*

*share* (Dok. ‘B4’ *a fol*. 162) inxtara elfejn, sitt mija u sitt Liri Maltin (Lm2,606). Dan il-Qorti ser tħallilu dan il-valur in mankanza ta’ valutazzjoni iktar preċiża. Il-partijiet għandhom ukoll vettura kull wieħed li nxtraw fiż-żwieġ bi flus li ngħataw jew intirtu minnhom u għalhekk l-attur għandu kreditu ta’ tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) fuq il-karozza tiegħu u l-konvenuta elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) – jidher li l-vettura ta’ l-attur tiswa’ iktar (inxtrat ġdida tmint elef Lira Maltin (Lm8,000) u l-oħra tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) *second hand*) u għalkemm ma hemmx stima, il-Qorti *arbitrio boni viri* qed tistma elfejn u tmien mitt Lira Maltin (Lm2,800) il-Peugeot 306 ta’ l-attur u tmien mitt Lira Maltin (Lm800) il-Fiat Panda tal-konvenuta għaliex dawn ilhom li nxtraw xi snin.

Għalhekk jekk wieħed jgħodd dawn kollha jasal għas-somma globali ta’ dsatax-il elf, sitt mija u tlieta u disgħin Lira Maltin (Lm19,693) – ekwivalenti għal ħamsa u erbgħin elf, tmien mija u tnejn u sebgħin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€45,872.35) *oltre* l-poloz ta’ assikurazjoni u l-kont li dwaru ma hemmx informazzjoni. Kwindi kull parti għandha dritt għal disgħat elef, tmien mija, sitta u erbgħin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm9,846.50) jew tnejn u għoxrin elf, disa’ mija, sitta u tletin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€22,936.18), bħala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

L-attur qed jitlob ukoll li jitħallas għall-benefikati li saru fil-post ta’ l-abitazzjoni tal-partijiet tul dawn is-snin u l-perit legali kkonkludiet li dawn kienu jammontaw għas-somma ta’ ħmistax-il elf, tmien mija u seba’ Liri Maltin (Lm15,807), u *cioe’* sebat elef, mitejn u disgħa u erbgħin Lira Maltin (Lm7,249) li nefaq qabel iż-żwieġ u tmint elef, ħames mija, u tmienja u ħamsin Lira Maltin (Lm8,558) sehmu mill-ispejjeż li saru wara. Il-Qorti filwaqt li taqbel li l-attur huwa ntitolat għal kumpens għall-benefikati li saru fid-dar matrimonjali proprjeta’ ta’ martu u għall-oġġetti li nxtraw u li qegħdin fid-dar u li għadhom jintużaw, ma taqbilx ma’ din il-likwidazzjoni għal diversi raġunijiet, iżda prinċipalment li dan ma jiħux kont tal-fatt li l-attur għamel użu mid-dar għal ħmistax-il sena, u li allura ffranka l-ħlas tal-kera li anke jekk wieħed jikkalkulaha fuq somma

modesta ta’ sittin Lira Maltin (Lm60) fix-xahar (li llum hija rriżorja iżda forsi hija raġonevoli bħala *average* fuq dan il-perjodu) ukoll jasal biex jammonta għas-somma ta’ għaxart elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm10,800). Naturalment dawn ġew iffrankati lill-komunjoni ta’ l-akkwisti li allura hija arrikita b’din is-somma u allura l-attur ġie ffranka ħamest elef u erba’ mitt Lira Maltin (Lm5,400). Dan l-ammont fil-fehma tal-Qorti għandu jitnaqqas mill-valur tal-benefikati li l-attur għandu jieħu. *Oltre* dan, l-oġġetti li nxtraw matul iż-żmien ġew użati mill-familja kollha, kompriż l-attur u ċertament li llum il-valur tagħhom ma huwiex dak li kien meta nxtraw bħala oġġetti ġodda. Għalhekk tenut kont ta’ kollox *arbitrio boni viri* l-Qorti ser tillikwida l-ammont dovut lill-attur għas-somma ta’ sebat elef u erba’ mitt Lira Maltin (Lm7,400) li minnha jridu jitnaqqsu l-ħamest elef u erba’ mitt Lira Maltin (Lm5,400) li l-attur iffranka bħala ħlas ta’ kera kif *gia’* ssemma – kwindi għandu jieħu elfejn Lira Maltin (Lm2,000).

Għalhekk bħala prelevament l-attur għandu jieħu dawn l-elfejn Lira Maltin (Lm2,000) u tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) tal-karozza; kwindi b’kollox ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000) u l-konvenuta elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) tal-karozza. Biex l-affarjiet jiġu simplifikati għalhekk, il-Qorti ser tnaqqas l-ammont minn l-ieħor u l-attur ikollu jieħu tlett elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm3,800). Minn dawn ser jieħu elfejn Lira Maltin (Lm2,000) bl-assenjazzjoni tal-vettura Peugeot li tiswa’ daqshekk iktar mill-Panda assenjata lill-konvenuta. Ser jiġi assenjat ukoll it-*timeshare* li jiswa’ elfejn, sitt mija u sitt Liri Maltin (Lm2,606) u l-Bonds li jiswew ħames mija u ħamsa u erbgħin Lira Maltin (Lm545) u għalhekk minn dan it-tqassim jiġi mija u wieħed u ħamsin Lira Maltin (Lm151) minn fuq.

Il-Qorti tħoss li jkun aktar konvenjenti jekk id-dirett dominju jiġi assenjat lill-konvenuta biex il-proprjeta’ kollha tkun konsolidata u għalhekk għal dan ser tħallas nofs il-valur indikat mill-perit tekniku li jammonta għal tlett elef, sitt mija u wieħed u għoxrin Lira Maltin (Lm3,621). L-attur għandu għalhekk iżomm il-kont bankarju ta’ tliet mitt Lira Maltin (Lm300) mal-Bank of Valletta u jieħu f’ismu l-kont ta’ tlett

elef Lira Maltin (Lm3,000) ma' l-HSBC fuq imsemmi biex b'kollox jiġi ħa tlett elef, erba' mija u wieħed u ħamsin Lira Maltin (Lm3,451) u għalhekk jekk il-proprjetajiet l-oħra *ossia* l-kontijiet bankarji li jista' jkun hemm u l-poloz ta' l-assikurazzjonijiet jiġu assenjati nofs lil kull wieħed u waħda l-konvenuta jibqgħalha tagħtih is-somma ta' mija u disgħa u erbgħin Lira Maltin (Lm149) jew tliet mija u sebgħa u erbgħin Euro u tmien ċenteżmi (€347.08).[1]

L-attur għandu dritt jieħu lura l-mobbli li wiret, u *cioe'* l-vetrina tal-kotba u *sottospecchio* tal-kewba li huma proprjeta' parafernali.

MANTENIMENT

Fil-bidu tal-kawża peress li t-tfal kienu jgħixu ma' ommhom l-attur kien qed iħallas manteniment ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300) fix-xahar iżda meta l-minuri E marret tgħix ma' l-attur, dan tnaqqas għal mitejn Lira Maltin. Lejn l-aħħar tal-proċeduri billi l-attur ma baqax assistent personali ta' Ministru, huwa talab li dan l-ammont jerga' jitnaqqas billi tnaqqaslu l-introjtu. Il-Qorti ċaħdet din it-talba għaliex mil-lista ta' spejjeż li elenka dehrilha li seta' naqqas ċerti spejjeż li ċertament pero' m'hijiex ser tkun hi li tindikahomlu għaliex il-prijoritajiet tiegħu jafhom hu. Dan pero' mhux a skapitu tal-manteniment għat-tfal għaliex il-konvenuta qed taħdem *part-time*, u għalkemm ma ġiex indikat il-qligħ tagħha, żgur qed tagħmel sforz biex iżżomm fuq l-ilma u ma teriqx. Naturalment strettament l-attur għandu dritt jitlob manteniment għal E li issa qed tgħix miegħu iżda l-Qorti ukoll qieset dan meta ffissat l-aħħar manteniment. Tifhem pero' li anke l-attur m'huwiex affluenti bħal ma kien fil-bidu tal-proċeduri, u għandu l-ispejjeż tiegħu. Għalhekk ser tagħti s-sentenza fuq il-bażi li l-konvenuta tħallas sittin Euro (€60) fix-xahar għal dan liskop u kwindi ser tiffissa l-manteniment li għandu jħallas l-attur fis-somma ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar għall

[1] B'digriet tat-2 ta' Frar, 2009 minflok is-somma ta' mija u disgħa u erbgħin Lira Maltin (Lm149) iddaħlet is-somma ta' seba' mija u tlettax-il Lira Maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm713.93); u minflok is-somma ta' tliet mija u sebgħa u erbgħin Euro u tmien ċenteżmi (€347.08) iddaħlet is-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u sittin Euro u ċenteżmu (€1,663.01).

minuri li qegħdin ma' l-omm, u dan bl-intiża li l-konvenuta ma tħallas xejn hi lill-attur għal E, billi l-Qorti qed tapplika t-tpaċija hi stess.

DEĊIZJONI

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort prinċipali ta' l-attur u tort iktar minuri tal-konvenuta;**

**2. Tilqa' t-tieni talba billi l-kustodja tal-minuri tibqa' konġunta b'dan li E tgħix ma' missierha u Aa u F ma' ommhom;**

**3. Fir-rigward ta' l-aċċess dan jibqa' kif mifthiem bejn il-partijiet fil-verbal tas-26 ta' Mejju, 2008 jew kif jogħġobhom jiftehmu l-partijiet iktar 'il quddiem;**

**4. Tordna lill-attur iħallas manteniment ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar lill-konvenuta għall-manteniment tal-minuri li jgħixu magħha *rebus sic standibus*;**

**5. Tiċħad il-ħames talba ta' l-attur;**

**6. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti billi *stante* li l-partijiet għandhom fil-konfront tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-krediti *gia'* ndikati u mfissra, tassenja lill-attur dawn l-oġġetti; l-vettura Peugeot; it-*timeshare* ma' Torri Kercem Limited; il-Bonds tal-Gvern li jagħlaq fl-2015; il-kont bankarju f'ismu mal-Bank of Valletta ta' ċirka tliet mitt Lira Maltin (Lm300); u kont ma' l-HSBC ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) li jġib in-numru ________________; [2]il-konvenuta tiġi assenjata mingħand l-attur in-nofs indiviż tad-dirett dominju tal-fond __________________________; u tiġi assenjata**

[2] B'digriet tat-2 ta' Frar, 2009 daħlu l-kliem "numru FP411129 u 36988 u t-*term deposit* għall-valur ta' elfejn, mija u sebgħa u erbgħin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€2,147.91)".

**wkoll il-vettura Panda; l-kontijiet l-oħra mal-banek lokali u esteri f' isem il-partijiet kemm waħedom u kemm flimkien għandhom jinqasmu billi l-partijiet jieħdu nofs kull wieħed u waħda minnhom filwaqt li l-*life policy* u *private retirement plan* għandhom jibqgħu proprjeta' tal-partijiet f'nofs indiviż bid-dritt li jaqsmu bl-istess mod ir-rikavat fit-terminazzjoni tagħhom u bl-obbligu li jħallsu nofs kull wieħed mill-*premium* relattiv; il-konvenuta għandha tħallas lill-attur bħal ekwiparazzjoni s-somma ta' tliet mija u sebgħa u erbgħin Euro u tmien ċenteżmi (€347.08) [3]u għandha tirritona lill-attur is-*sottospecchio* tal-kewba u vetrina tal-kotba fuq imsemmija; għall-iskop tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana u l-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratriċi tal-kontumaċji u l-istess att għandu jigi pubblikat fl-edifiċċju tal-Qorti fid-data li tiffissa l-Qorti stess fuq talba tan-Nutar nominand jew xi hadd mill-partijiet.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] B'digriet tat-2 ta' Frar, 2009 minflok is-somma ta' tliet mija u sebgħa u erbgħin Euro u tmien ċenteżmi (€347.08) iddaħlet is-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u sittin Euro u ċenteżmu (€1,663.01). U b'digriet tal-25 ta' Frar 2009 ġie ordnat li l-konvenuta għandha tħallas l-istess ammont f'terminu ta' ħames xhur.